**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 308/2022**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Elliott Magro)**

**-Vs-**

**JOSEPH GIARDINA**

**Illum, 28 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JOSEPH GIARDINA**, bin Vincent u Isabel xebba Vassallo, imwieled ġewwa l-Kanada nhar is-17 ta' Diċembru 1969, residenti ġewwa l-fond bl-isem 'Zen', Triq ix-Xagħra l-Ħamra (Il-Manikata), Mellieħa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 094002L, li ġie akkużat talli nhar il-25 ta' Frar 2022 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15 :30hrs) kif ukoll fil-ħinijiet, ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-Mellieħa:

1. Ġiegħelt annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bzonn, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2( tal-Kap 9. 439 tal-Liġijiet ta' Malta ;

2. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żammejt jew qbilt li żżomm annimali minhgħajr ma kont responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta ;

3. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inqast milli tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimal li int kont responsabbli għalihom, jew li qbilt li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali li jinkludu fost oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korrimenti u mard, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta ;

4. Aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ippermettejt kelb jiggerra b'mod liberu fit-toroq pubbliċi u dan bi ksur tas-subregolament 1 tar-regolament 5 tal-leġislazzjoni sussidjarjar 439.21

Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tipprojbixxi lill-imputat milli zzomm annimali jew milli jirrisjedi f'post fejn jinzammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-Qorti u dan skont l-Artikolu 45 subartikolu 1(b) tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attivita' regolata taħt l-Att. 439 tal-Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq bħala rizultat ta' dak

ir-reat jew reati, u dan skont l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kap 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-1 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-każ huwa wieħed ta' moħqrija ta' annimali kif maħsub fl-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi**, jirriżulta illi fil-25 ta' Frar 2022 uffiċjali tad-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali Aaron Gatt u Stephen Carabott irċevew rapport li kien hemm kelba qed tiġri barra fi Triq il-Mejjiesa, Manikata u kienet ilha diversi ġranet tiġri barra fil-Manikata. Meta marru fuq il-post għall-ħabta tat-3.15 p.m., l-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali sabu l-kelba (Emma) li kienet magħluba u magħdura ħafna u kienet tidher fi stat ħażin ta' saħħa, bil-kustilji u x-xewka ta' daharha jidhru jisporġu 'l barra minn taħt il-pil. Sar kuntatt dak il-ħin ma' sid il-kelba

li ġie identifikat min-numru tal-microchip (958000001530289) bħala Joseph Giardina, l-imputat. Huwa mar fuq il-post jitkellem mal-uffiċjali għall-ħarsien xieraq tal-annimali u għalkemm insista li l-kelba kienet fi stat tajjeb ta' saħħa u ma kellhiex bżonn kura medika, il-kelba ġiet konfiskata u ttieħdet l-isptar tal-annimali fejn ġiet eżaminata mill-veterinarju Dr. Andrea Grima u in segwitu, ittieħdet ġewwa l-Island Sanctuary fejn ġiet ikkurata u baqgħet tinżamm hemmhekk.

**Il-Prosekuzzjoni** ressqet ukoll bħala xhud lill-veterinarju li eżaminat lill-kelba wara li ġiet ikkonfiskata mill-pussess tal-imputat, Dr. Andrea Grima, li klassifikat il-*body score* tal-kelba bħala 1.5 minn 5 li kif xehdet hi stess, jirrappreżenta punteġġ ħażin ħafna u xehdet ukoll dwar il-qagħda ta' saħħa mwiegħra tal-kelba u l-kundizzjonijiet mediċi u mard ieħor li riskontrat waqt l-eżami. Xehdet ukoll illi mill-eżami tal-kelba irriżulta illi kellha ħafna żmien u kienet tbati mill-artrite fl-irkoppa, minkeb u hipbone, kienet irqiqa ħafna u kellha wkoll *muscle wastage*, tumur f'ħalqha u mard fil-ħanek. Kellha wkoll nefħa kbira f'għonqha li kien fiha tumuri iebsin wieħed minnhom imdaqqas mhux ħażin u li minnu tneħħa xi likwidu li ttestja pożittiv għall-marda tas-*sandfly* li kienet daqsxejn kronika. Il-kelba kellha wkoll infjammazzjoni f'għajnejha u infezzjoni fl-għajnejn ikkawżat b'effett tas-*sandfly* li minħabba fihom kienet muġugħa ħafna f'għajnejha. Dr. Andrea Grima kkonfermat illi s-sintomi tas-*sandfly* li ġew riskontrati fil-kelba kienu juru li kienet ilha tbati mill-marda għal ċertu ammont ta' żmien u t-tumur ukoll kien jidher li kien ilu hemmhekk għaliex dawn ma jikbrux f'salt.

**Claire Gafa**, mill-Island Sanctuary li ilha taħdem fis-settur għal iktar minn tletin sena, ukoll tressqet bħala xhud mill-Prosekuzzjoni. Hi ddeskriviet il-ħarsa f'għajnejn il-kelba bħala ħarsa ta' kelba mdejqa u kienet tidher li kienet kelba "*neglected*" u bil-ġuħ. Fil-fatt, ikkonfermat li fost problemi mediċi oħrajn, kellha boċċa f'xofftejha u kull darba li kienet tiekol kienet tigdimha u joħroġ id-demm minnha bir-riżultat li ma setgħetx tiekol. Kemm hu hekk, il-kelba kellha tiġi operata biex titneħħa din il-boċċa u wara l-operazzjoni, bdiet tiekol sew, żiedet fil-piż u dehret kuntenta.

**Joseph Giardina, l-imputat**, li għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda quddiem il-Qorti, ikkonferma illi huwa kien addotta l-kelba fl-2009 u kellha mill-inqas erbatax jew ħmistax-il sena meta seħħ il-każ u skont il-liċenzja li kien ingħata, il-kelba kienet twieldet fis-sena 2000[1]. Huwa qal li l-kelba dejjem għexet miegħu u mal-familja tiegħu ġewwa d-dar tagħhom fil-Manikata iżda meta ssepara minn ma' martu u ma baqgħux jgħixu l-Manikata, ħadd minnhom ma seta' seta' jżomm lill-kelba miegħu u għalhekk għall-aħħar tliet snin, Emma baqgħet tgħix waħedha fil-garaxx biswit id-dar li kellhom fil-Manikata. Hu kien imur kuljum jew darbtejn kuljum jitmagħha u joħroġha, peress li kien joqgħod fil-qrib, ix-Xemxija[2]. Sostna li l-kelba ma kellha ebda kundizzjonijiet mediċi li kien jidhru esternament għalkemm stqarr li kienet għolbot u qal ukoll li l-aħħar darba li kien ħadha għand veterinarju kien għaxar snin qabel.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt is-subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali ċioe' li ġiegħel annimal, ossia kelb, isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn. Dan huwa r-reat ta' moħqrija tal-annimali.

Qed jiġi mixli wkoll bil-ksur tas-subartikolu (4) tal-artikolu 8 tal-Kap. 439 li jiddisponi:-

*Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.*

---

[1] Dok. RV1, paġna 106 tal-atti tal-kawża.
[2] Ara wkoll xhieda ta' Michela Musconi, 28 ta' Ġunju 2023.

Id-drittijiet tutelati mill-provvedimenti tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti promulgati bis-saħħa tal-Att relattiv, jeħtieġu li d-drittijiet tal-annimali jigu rispettati u li l-bniedem li jżomm l-annimali mingħajr ma jassigura li dawn id-drittijiet jigu mħarsa, għandu jkun soġġett għall-konsegwenzi legali ta' natura kriminali.

Mhux kontestat illi l-kelba, Emma, kienet liċenzjata f'isem l-imputat u li kienet fil-kustodja tiegħu. Jirriżulta wkoll li l-imputat qabel li jżomm lil din il-kelba fil-garaxx tiegħu fil-Manikata mill-2019 'il quddiem. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-artikolu 8(3) tal-Kap. 439 għandu jitqies li huwa responsabbli għat-trattament xieraq ta' dan l-annimal.

Mill-provi u x-xhieda, inkluż u fuq kollox mix-xhieda tal-imputat innifsu, il-Qorti fehmet illi l-kelba, li kienet għamlet iktar minn għaxar snin tgħix ma' u tifforma parti mill-familja tal-imputat wara li ġiet addottata minnhom, sabet ruħha tgħix waħedha ġewwa garaxx il-Manikata, limiti tal-Mellieħa, 'il bogħod mill-familja li darba kienet tifforma parti minnha. Dan seħħ meta l-imputat issepara minn ma' martu u ħadd minnhom ma ried jew seta' jżomm il-kelba tagħhom fir-residenzi l-ġodda tagħhom. Mhux kontestat li l-kelba kienet tqatta' ġurnata sħiħa waħedha mingħajr ebda attenzjoni u mingħajr ebda kumpannija la tal-bniedem u lanqas ta' kelb jew annimal ieħor, kif ukoll mingħajr aċċess għal spazju fl-apert u l-possibbilita' ta' eżerċizzju, għajr meta l-imputat kien imur jitmagħha u joħroġha darba jew darbtejn kuljum[3]. Ma jirriżulta minn imkien mill-provi li l-imputat kien iqatta' xi ħin sinjifikanti mal-kelba u dan il-kwadru ta' fatti, fejn l-imputat stqarr ukoll li l-kelba ta' spiss kienet taħrablu fl-għelieqi meta kien imur jiftħilha, inissel inferenza qawwija ta' dwejjaq fil-kelba fl-ambjent fejn kienet qed tinżamm.

---

[3] L-imputat innifsu xehed: "*... absolutely, she's always inside the garage so she has no access to outside unless I open up for her*." – paġna 75 tal-atti tal-kawża.

Għall-Qorti, dan jammonta għal xejn inqas mill-abbandun tal-annimal in diżamina li minn kelb tal-familja, jgħix skont l-imputat innifsu, fil-kumdita' u l-imħabba, fix-xjuħija tiegħu spiċċa mwarrab, iżolat u relegat għal ħajja ta' solitudini f'garaxx, imsakkar ġewwa waħdu ġurnata wara l-oħra, lejl u nhar għajr, għal kważi tliet snin. Il-Qorti tqis ukoll illi garaxx, *multo magis* garaxx li evidentement ma jifformax parti minn residenza abitata, ma jikkostitwixxix akkomodazzjoni xierqa u m'huwiex post idoneu biex fih jinżamm kelb waħdu.

Iżda dan l-istat ta' fatt - li diġa' fih innifsu jfisser li l-imputat naqas milli jħares u jiżgura li jipprovdi lill-kelba tiegħu b'ambjent addattat u lok fejn setgħet tesprimi l-imġieba normali ta' kelb - jassumi xejra ferm iktar gravi meta wieħed iqis illi l-kelba tal-imputat kienet kelba mdaħħla sew fiż-żmien[4], tant illi l-imputat innifsu xehed li kellha iktar minn ħmistax-il sena, u kienet fi stat ta' saħħa mwiegħra, afflitta minn diversi kundizzjonijiet ta' saħħa, uħud minnhom marbutin mal-eta' tagħha, iżda oħrajn li kienu evidentement frott ta' nuqqas sistematiku ta' kura u trattament mediku f'waqtu. Fil-fatt, ġie stabbilit mix-xhieda ta' Dr. Andrea Grima, li ma ġietx kuntrastata u lanqas kontestata, illi l-kelba kienet irqiqa ħafna u fost kundizzjonijiet oħrajn kellha tumur f'ħalqha, mard fil-ħanek, infjammazzjoni f'għajnejha u infezzjoni fl-għajnejn ikkawżat b'effett tas-*sandfly* li minħabba fihom kienet muġugħa ħafna f'għajnejha.

Mill-kwadru tal-provi l-Qorti fehmet illi Emma kienet kelb li kienet ġiet sistematikament ittraskurata sija f'dak li għandu x'jaqsam mal-esiġenzi bażiċi tal-ħajja tagħha ta' kuljum, fosthom eżerċizzju, ambjent xieraq u kumpannija, u fuq kollox, f'dak li jikkonċerna s-saħħa tagħha. L-imputat innifsu stqarr fix-xhieda tiegħu illi l-aħħar darba li kien ħa l-kelba għand veterinarju biex tiġi kkurata kien f'Settembru 2001, iktar minn għaxar snin qabel u saħaq illi l-kelba ma kellha ebda "*outward condition*" li kienet turi li l-ħtieġa li jeħodha għand veterinarju biex tiġi kkurata, apparti tnixxija f'għajnejha u assuma li kienet għolbot għaliex kienet

[4] Huwa minnu li ma ġiex stabbilit konklussivament mill-provi l-eta' tal-kelba, iżda hemm qbil li l-kelba kienet avvanzata fiż-żmien.

avvanzata fiż-żmien u ma kellhiex bżonn kura medika. Verżjoni li evidentement ma għandhiex mis-sewwa u li ġiet imgiddba b'mod assolut mhux biss mix-xhieda ta' Dr Andrea Grima, iżda wkoll minn Claire Gafa, li xehdet li Emma kellha boċċa f'xofftejha u kull darba li kienet tiekol kienet tigdimha u joħroġ id-demm minnha bir-riżultat li ma setgħetx tiekol. Anke l-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali li marru fuq il-post u kkonfiskaw il-kelba wara li ġie rapportat li din kienet qed tiġri barra waħedha, xehdu li l-kelba kienet tidher li hi marida ("*unwell*") u kienet magħdura ħafna, għadma u ġilda, u f'kundizzjoni ħażina ħafna.

L-imputat fix-xhieda tiegħu eskluda wkoll illi kien qed jagħti lill-kelba xi mediċina jew kura jew trattament ieħor biex itaffi l-infezzjoni f'għajnejha (li kien jaf biha), il-mard fil-ħanek u t-tumur f'ħalqha: kundizzjonijiet li kienu evidentement qegħdin jikkaġunaw skumdita' u uġigħ lill-kelba, tant illi kif rajna, skont kif xehdet Claire Gafa', il-kelba ma setgħetx tiekol minħabba l-boċċa f'ħalqha u kienet ferm magħluba u bil-ġuħ. Qal li kien jagħtiha biss mediċina kontra l-briegħed.

Hu ovvju li l-imputat, rinfaċċjat bl-istat ħażin li kienet tinsab fih il-kelb li kien responsabbli għalih, iddeċieda li ma jagħmel xejn ħlief jagħlaq għajnejh, iħalli s-saħħa tal-kelb tiddeterjora u jittraskura b'mod assolut id-doveri tiegħu lejha, tant illi lanqas indenja ruħu jagħmel lanqas l-iktar ħaġa bażika mistennija minnu biex jassigura li l-annimal ma ssofrix bla bżonn, ċioe' jinvestiga għaliex il-kelba kellha tnixxija f'għajnejha u għaliex kienet qiegħda kull ma jmur togħlob minkejja li kien suppost qed jitmagħha kuljum.

Evidentement, il-ħarsien tal-annimal tiegħu ma kienx fost il-prijoritajiet tal-imputat u l-Qorti ssibha ferm diffiċli tifhem dan in-nuqqas manifest ta' simpatija u għożża fl-imputat lejn l-annimal li saħaq li kien iħobbha. Hija wkoll ta' stmerrija t-tentattiv tiegħu li jiġġustifika l-fatt li ttraskura lill-kelba u l-kura tas-saħħa tagħha, bl-argoment illi l-kelba kienet imdaħħla fiż-żmien u l-kundizzjonijiet li kellha kienu konsegwenza naturali tal-eta' tagħha. Pożizzjoni bħal din, imħaddna wkoll mill-avukat difensur tiegħu waqt it-trattazzjoni, tfisser effettivament illi kelb li jbati minn kundizzjonijiet

ta' saħħa ġejjin mill-eta' ma jistħoqqlux l-impenn tal-għoti ta' kura medika jew trattament biex jittaffilu l-uġigħ jew l-effetti skomdi tal-kundizzjoni jew tal-marda, u għandu jintelaq għal riħu. Argoment li huwa mhux biss inaċċettabbli iżda wkoll ta' kbir kbir għal min jippropagah.

L-artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jingħad illi:

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li* ***ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija*** *li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti,* ***jkunu żejda jew bla ħtieġa****.*" (emfasi tal-Qorti)

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatti ta' dan il-każ jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "*moħqrija*": minn eżami tal-atti li proċesswali jirrizulta li kien hemm abdikazzjoni totali u assoluta da parti mill-imputat mill-ħarsien serju tal-benessere u l-ħtiġiet tal-kelba in kwistjoni fuq medda ta' żmien. Iżda mhux hekk biss. Kellu jkun altru minn evidenti għall-imputat, wara li l-qagħda ta' saħħa tal-kelba baqgħet sejra lura, li kellha bżonn attenzjoni u kura medika professjonali iżda minkejja dan, l-imputat webbes rasu li ma jagħmilx dak li kien hemm bżonn biex ma tbatix inutilment, u ma ddejjaq xejn iħalliha kull ma jmur, tiddeterjora minkejja li qed jaraha kull ma jmur togħlob tant li saret għadma u ġilda. Ma ddejjaq xejn lanqas iħalliha waħedha f'din il-qagħda mwiegħra ta' saħħa maqfula waħedha f'garaxx ġurnata wara l-oħra tistenna l-mument li jiddeċiedi jmur jitmagħha. Dan hu kundannabbli. Il-Qorti tqis illi ebda kelb jew annimal, wisq inqas annimal imdaħħal fiż-żmien u fi stat ta' saħħa ħażin, ma għandu jintelaq kif ġiet mitluqa l-kelba tal-imputat, li mhux biss iddeċieda volotarjament ħalliha waħedha sistematikament imsakkra f'garaxx għal tliet snin sħaħ mingħajr kumpannija jew wens, talli ħalliha fi stat ta' saħħa ħażin ferm li, mill-kumpless tal-provi inissel inferenza leġittima qawwija li l-kelba kienet qed tbati uġigħ u dwejjaq bla bżonn. Qed jingħad 'bla bżonn' għaliex mill-provi l-Qorti ma riskontrat xejn li raġjonevolment u leġittimament seta' impedixxa lill-imputat li jagħmel l-arranġamenti

meħtieġa biex il-kelba tiġi eżaminata minn veterinarju, tiġi stabbilita l-kawża tan-nuqqas fil-piż u tingħata l-mediċina u l-kura meħtieġa biex ma tibqax tbati l-uġigħ u d-dwejjaq li mill-provi jirriżulta li kellha din il-kelba.

L-imputat għaldaqstant għandu jinstab ħati tar-reat ta' moħqrija tal-annimali addebitat fl-ewwel imputazzjoni, kif ukoll ħati tar-reat taħt is-subartikolu (4) tal-artikolu 8 tal-Kap. 439 talli, kif ġie abbundantement stabbilit, naqas b'mod gravi milli jieħu l-passi raġonevoli sabiex jiżgura li l-ħtiġiet tal-kelba tiegħu li kien responsabbli għaliha, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal, fosthom il-provvista ta' ambjent xieraq, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Ikkunsidrat;

Illi għandha tinstab ħtija wkoll għar-raba' imputazzjoni dwar ir-reat taħt ir-regolament 5(1) tal-L.S. 439.21 li jiddisponi li ebda persuna ma tista' tippermetti kelb jiġġerra b'mod liberu fit-toroq pubbliċi.

Dan qed jingħad għaliex mhux kontestat illi kien sar rapport li l-kelba kienet qed tiġġerra barra u effettivament instabet tiġri barra waħedha fi Triq il-Mejjiesa, Manikata, fil-25 ta' Frar 2022.  L-imputat innifsu xehed illi l-kelba telqet tiġri meta fetaħ il-bieb tal-garaxx biex toħroġ tagħmel il-bżonnijiet tagħha, u ma setax isibha. F'ebda waqt ma qal li kien qed imexxi l-kelba b'ċinga jew ħabel jew telqet tiġri biċ-ċinga b'kollox u ma jirriżultax mix-xhieda tal-uffiċjali għall-ħarsien l-annimali li l-kelba nstabet b'xi ċinga maqfula mal-kullar.  Iktar minn hekk il-fatt illi minkejja li l-imputat ra li l-kelba telqet tiġri fl-egħlieqi, telaq minn fuq il-post għaliex kellu impenni oħrajn.

Ikkunsidrat;

Illi madanakollu, il-Qorti ma taqbilx li l-imputat jista' jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni għaliex ma jirriżultax illi l-addebitu jikkostitwixxi reat kriminali jew ksur ta' xi dispożizzjoni tal-Att dwar il-Ħarsien Xieraq tal-Annimali (Kap. 439). L-imputat ġie mixli li żamm jew qabel li jżomm annimal mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom. Il-Qorti fehmet illi din l-imputazzjoni ġiet imfassla fuq il-kliem tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 439 li jiddisponi:-

*Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.*

Iżda fil-fehma tagħha, din id-dispożizzjoni legali ma toħloq ebda reat iżda hija biss dikjaratorja tal-konsegwenzi legali li jirradika l-istat ta' fatt konsistenti fiż-żamma ta' annimal, fejn iż-żamma ta' annimal tnissel obbligu ossia responsabbilita' legali li jieħu ħsieb it-trattament xieraq tal-annimal.

Dan il-ħsieb jinftiehem iktar fil-verżjoni Ingliża tal-istess artikolu 8(3):-

*"Any person who keeps any animal or who agrees to look after an animal shall be responsible for its health and welfare."*

Huma mbagħad id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 8 fost dispożizzjonijiet oħrajn tal-Att, illi jistipolaw u jfissru l-obbligu legali tat-trattament xieraq tal-annimal li dwaru hu responsabbli kull min iżomm jew jaqbel li jżomm annimal. Għaldaqstant billi ma taddebita l-ebda ksur ta' obbligu legali li jġib xi ħtija kriminali, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali pjuttost netta tal-imputat iżda wkoll tal-fatt illi ma wera ebda rimors għall-imġieba tiegħu ta' moħqrija lejn il-kelba li konxjament abbandunaha għal snin sħaħ ġo garaxx, anzjana, marida u

muġugħa, kif ukoll iżolata mill-imħabba tal-familja li darba kienet tifforma parti minnha.  Minħabba f'dan, sejra tapplika d-dispożiżżjonijiet tal-artikolu 45(1)(b) tal-Kap. 439 għal żmien limitat.

Jiġi osservat in konklużjoni illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova ta' xi spejjeż li setgħu ntefqu għall-kura u t-trattament tal-kelb tal-imputat jew għall-konfiska tiegħu u għaldaqstant ma tistax tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 45(3) tal-Kap. 45 fil-konfront tal-imputat.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 8(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, wara li rat l-artikoli 8(2)(4) u 45(1)(a) tal-istess Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb (Leġislazzjoni Sussidjarja 439.21), issib lil JOSEPH GIARDINA ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u tikkundannah multa ta' tliet elef u ħames mitt Euro (€3,500).**

**B'żieda mal-piena u għall-fini tal-ewwel proviso tal-artikolu 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati qed jiġi wkoll ipprojibit milli jżomm annimali għal żmien sena u għal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**